# Qatt a' Ħadd mhux tas-soltu b'dawra mal-fdalijiet Neolitiċi ta' Kordin

**Stqarrija | 13 ta' Frar 2023**

Il-pubbliku qed jiġi mistieden jiskopri l-istorja intriganti tal-fdalijiet Neolitiċi ta' Kordin III matul għodwa ta' dawriet gwidati li se jiġu organizzati minn Heritage Malta l-Ħadd 26 ta' Frar.

B'kollox se jsiru erba' dawriet gwidati – tnejn bil-Malti fid-9.00am u fl-10.30am, u tnejn bl-Ingliż fl-9.45am fil-11.15am. Billi l-postijiet huma limitati, min hu interessat għandu jibbukkja l-biljetti minn qabel minn kwalunkwe sit jew mużew ta' Heritage Malta, jew inkella online minn http://heritagemalta.org/store. Il-biljetti jiswew €3 iżda l-membri ta' Heritage Malta jidħlu bil-prezz imraħħas ta' €1.

L-inħawi ta' Kordin, marbutin intrinsikament mal-Port il-Kbir, aktarx kienu importanti fil-preistorja, kif tixhed il-konċentrazzjoni ta' fdalijiet megalitiċi li nstabu hemmhekk fis-sekli 19 u 20. Ħafna minn dawn l-iskoperti ntilfu maż-żmien minħabba l-iżvilupp militari, u aktar tard industrijali, li seħħ fl-inħawi, iżda Kordin III għadu wieqaf biex jixhed il-wirt prezzjuż ta' żmienu.

Dan is-sit megalitiku nbena f'fażijiet differenti tal-perjodu Neolitiku u jinkludi karatteristiċi li ma ssibhomx f'binjiet Neolitiċi oħra kontemporanji. Normalment is-sit ma jinfetaħx għall-pubbliku u għalhekk wieħed m'għandux jitlef l-opportunità li jżuru u li jiddawwar mal-post minn gwida.

Kordin III jinsab eżattament bejn il-Knisja ta' Sant' Antnin u l-Kulleġġ tal-MCAST, Raħal Ġdid. Għal aktar tagħrif idħol hawn: https://heritagemalta.mt/explore/kordin-iii/

.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta